SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 34**

**L-ERBGĦA 17 ta' FRAR 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU (wasal fis-5.45p.m.) |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER (wasal fis-6.15p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 33 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u s-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-TM dwar il-proposta tal-One Way fi Triq Markiz J. Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier talab kopja tal-korrispondenza li kienet intbagħatet.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Pierre Mangion ġiex jiffirma l-kuntratt u nforma li ser jiġi aktar il' quddiem. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ser jiġi aktar il quddiem.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar meta ser jibdew ix-xogħljiet tal-culverts fil-lokalita'. Is-Sindku wieġbet li waqt il-laqgħa li kellha mall-Ministru Goerge Pullicino ġiet infurmata li dawn ix-xogħlijiet iqumu ammont kbir ta' flus u għaldaqstant dawn mhux ser jibdew għalissa.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill kienx aċċetta il-proposta dwar is-slot ta' xandiriet dwar ix-xogħlijiet li jsiru mill-Kunsilli Lokali fuq it-Television. Is-Sindku wieġbet li din ġiet aċċetata u diġa ġew iffisati xi dati li dettalji dwarhom jingħataw aktar il quddiem.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk kinitx intbagħtet il-korrispondenza lit-TM dwar l-espropjazzjazzjoni ta' art fi Triq Markiz J. Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li din kienet intbagħtet pero' għad ma waslitx risposta.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx l-applikazzjoni għall-Memos 10, 15 u 21. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn l-applikazzjonijiet kienu saru.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

7. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar l-applikazzjoni li saret għall-fondi mill-Gvern Ċentrali biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjes ta' ronda matul il-lejl mill-Pulizija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-applikazzjoni kienet saret pero' għad ma sarx il-vetting mid-dipartiment.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

8. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa mas-Sur Simon Cioffi mill-Ministeru tar-Riżorsi Umani dwar it-tindif fi Triq Zejni. Il-Viċi Sindku wieġeb lill-laqgħa mas-Sur Cioffi għad ma saritx pero' hu kien għamel żjara fuq il-post. Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-biċċa art hija privata u għaldaqstant ma jistax isir xogħol kbir fiha pero' diġa saru kuntatti mall-Kuntrattur tat-tindif biex din l-art titnaddaf mill-ħaxix ħażin.

9. Il-Kunsillier informa li għad ma saritx iż-żebgħa bajda fil-kolonni ta' taħt il-mini fl-entratura tas-Swieqi. Is-Segretarju wieġeb li dawn ix-xogħljiet ma jistgħux isiru għalissa peress li Patrick Grech il-ħaddiem ta' l-IPSL għamel operazzjoni u mhux qed jirraporta għax-xogħol. Dan ser idum bis-sick leave madwar xahar.

10. Il-Kunsillier staqsa jekk hemmx xi indikazzjoni ta' meta ser jeħlu l-Ubars quddiem il-bandli fil-Gnien Sant'Andrija. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ser jeħlu fl-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla.

11. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux il-kuntatti mall-Ministeru tar-Riżorsi Umani dwar it-tindif taż-żewġ widien. Il-Kunsillier ġie nfurmat li diġa saru l-kuntatti mall-persuna kkonċernata w dawn diġa qegħdin fil-programm ta' tindif.

12. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx il-kwotazzjoni tax-xogħlijiet ta' Belisha Zebra Crossing fi Triq ta' l-Ibrag. Il-Kunsillier ġie nfurmat li l-Kuntrattur għad ma giex il-Kunsill minħabba mard fil-familja.

**Mill-Kunsillier Rene Rossignaud**

13. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għall-ittri li kienu inkitbu lill-Ministru u lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar storbju minn studenti fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Is-Segretarju nforma li għad ma waslitx risposta pero' waslet acknowledgment mingħand il-Ministru Mifsud Bonniċi.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mall-Ministru George Pullicino dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa u dwar il-manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ. Dan talab biex jittieħdu ritratti tal-ħitan li għandhom il-bżonn ta' manutenzjoni u anki ismijiet ta' toroq fejn dawn qegħdin.

2. Is-Sindku nfurmat li intbagħtu l-ittri lill W.S.C , lid-dipartiment tad-dranaġġ u lill-Korporazzjoni Enemalta dwar ix-xogħlijiet ta' tarmac liser isiru fil-Madliena. Dawn it-tlett entitajiet ġew infurmati biex jekk għandhom xi xogħlijiet ta' trinek fejn ser jsiru t-toroq bit-tarmak, dawn isiru mill-aktar fis.

3. Is-Sindku nfurmat li Pembroke atleta din is-Sena wkoll reggħu staqsew għad-donazzjoni għall-maratona li dawn jorganizzaw f' Ġunju. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ikkonkluda li donazzjonijiet ma jistawx jinghataw pero' jekk l-attivita' tiġi organiżżata mall-Kunsill, il-Kunsill jista' jikkontribwixxi.

4. Is-Sindku nfurmat li residenti talbu għal set bring-in-sites fi Triq il-Miżura fil-viċinanza tal-Bus Stop. Il-Kunsillier Fava issuġġerixxa li qabel ma dawn jiġu installati għandhom jiġu infurmati r-residenti taż-żona. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta pero' qabel li qabel ma dawn isiru għadha ssir żjara fuq il-post mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Shephard sabiex jiddentifikaw post adattat. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir spezzjoni fil-lokalita' kollha sabiex jiġu identifikati aktar postijiet fejn jistgħu jiġu nstallati aktar bins. Ir-rekkomandazzjonijiet għandhom jiġu pprezentati fis-seduta li jmiss.

5. Is-Sindku nfurmat li intbagħtet il-korrispondenza dwar l-istorbju ta' studenti barranin li jsir fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Din il-korrispondenza intbagħtet lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ministru Mifsud Bonniċi, lill-Ministru Dolores Cristina u lill-Ministru Mario Demarco.

6. Is-Sindku nfurmat li waqt il-laqgħa li kellha ma l-Onorevoli Chris Said ġie diskuss is-suġġett dwar l-ingaġġ ta' l-impjegata mall-Kunsill li fost risponsabiltajiet oħra ser jkollha l-applikazzjonijiet għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Sar qbil ukoll li din il-persuna tiġi ingaġġata fi skala 13 u li l-Ministeru ser għin fis-salarji tagħha. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx mall-kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel u talab biex din il-persuna tiġi ingaġġata mill-aktar fis. Il-Kunsillier Fenech ssekonda. Il-Kunsillier Fava irrimarka li hu ferm importanti li din il-persuna tkun intiza dwar ix-xogħol li ser ikollha. Importanti wkoll li tkun persuna ddedikata u mhux xi waħda li xebgħet fil-Ministeru u qed tfittex xogħol iehor.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli.............)

7. Is-Sindku nfurmat li kellha talba mingħand residenti għall-time parking fil-viċinanza ta' l-ispiżerija fi Triq is-Swieqi. Is-Sindku indikat żewġ postijiet fejn din tista tiġi. Il-Kunsill qabel li din issir pero' mhux qabel l-approvazzjoni mit-Trasport Malta.

8. Is-Sindku nfurmat b'korrispondenza mit-Trasport Malta dwar iż-żebra crossing fin-naħa ta' fuq ta' Triq l-Ibrag. Dawn staqsew jekk din gietx installata. Wara diskussjoni dwar din il-materja il-Kunsill qabel li din għandha ssir u għaldaqstant ghandhom jintalbu il-kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet rikjesti. Għandha ssir talba formali lit-trasport ta' Malta sabiex jindikaw eżatt fejn din għandha tiġi nstallata.
Il-Kunsillier Fava reġa nforma li ma hemmx bżonn li din issir għar-raġunjiet li hu tenna kemm il-darba fis-seduti tal-Kunsill preċedenti.

9. Is-Sindku nfurmat b'korrispondenza dwar kont mill-Kunsill Malti għall-isports għall-ammont ta' €1225.00. Dan il-kont huwa dovut għall-attivita' "Youths on the Move". Il-Kunsill qabel li dan il-kont għandu jitħallas.

10. <u>Sejħa għall-Offerti tal-Panelli Fotovoltajċi</u>
Is-Sindku ppreżentat 5 offerti li ġew sottomessi minn 4 kuntratturi għax-xogħlijiet ta' installazzjoni ta' panelli fotovoltajċi. Il-Kuntratturi kienu:

| | | |
|---|---|---|
| a. | Bajada International Solar System Ltd | €8886.00 |
| b. | Solar Solutions Ltd (Option 1) | €6990.20 |
| c. | Solar Solutions Ltd (Option 2) | €9347.60 |
| d. | Alberta Fire and Security Ltd | €8216.40 |
| e. | Alternative Technologies Ltd | €9325.45 |

Is-Sindku ppreżentat ir-rakkomandazzjonijiet ta' L-Inġinier Curmi li ġie imqabbad biex jagħmel l-aggudikazzjoni. Dan irrakomanda l-iktar waħda vantaġġuża.
Wara diskussjoni, il-Kunsillier Shephard u l-Viċi Sindku rrimarka li ma jaqbilx mar-rikomandazzjonijiet ta' l-Inġinier minħabba li l-offerta ta' Bajada għalkemm għola fil-prezz pero iġorr magħha aktar garanzija.

Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tingħata lill-Bajada International Solar System Ltd. Il-Kunsillier Shephard ippropona. Il-Viċi Sindku ssekonda.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli.............)

11. <u>Offerti ta' knis ta'toroq u qtugħ ta' ħaxix</u>
    Is-Sindku nfurmat li ġre ppreżentati 3 offerti. Dawn huma:
    a. A1 Cleaners € 57,000.00
    b. Euro Clean Waste Service € 53,910.00
    c. Philip Seguna € 52,411.00
    Is-Sindku grat ir-rapport ta' l-aġġudikazzjoni li kien jirrikomanda lill-A1 Cleaners.

    Il-Kunsill qabel mar-rapport u għaldaqstant qabel li l-offerta għandha tingħata lill-A1 Cleaners. Dawn dejjem taw servizz tajjeb lill-Kunsill. Il-Kunsillier Shephard ippropona. Il-Viċi Sindku ssekonda.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**<u>Il-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar il-minuti tal-laqgħat tal-"AGM" tal-Madliena u tas-Swieqi li saru fit-28 ta' Jannar u fl-1 ta' Frar 2010. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn lesti u ġew ppreżentati f' din il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier talab sabiex dawn jintbagħtu email lil kull Kunsillier.

2. Il-Kunsillier irraporta dwar billboard traskurata li qeghda f' Regional Road qrib Spinola Court imqatta' bil-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-Kuntrattur.

**<u>Kunsillier Paul Fenech</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għall-korrispondenza mill-MEPA li bagħat il-Kunsill dwar il-kostruzzjoni li qed tinbena fi Triq il-Ktajjen kantuniera ma Triq is-Sirk. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta pero waslet acknowlegment.

2. Il-Kunsillier irraporta li qed jagħmel xi rapporti ta' xogħljiet bil-għan li ilaqqa' is-small business fil-lokalita.' Aktar dettalji jingħataw fis-seduta li jmiss.
   Il-Kunsillier informa wkoll li jista' jkun hemm il bzonn li tinkera sala biex issir laqgha għall-business community. Il-Kunsill approva.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)

**Kunsillier Rene' Rossignaud**

1. Kunsillier staqsa dwar l-impjegat il ġdid Daniel Falzon li riċentament ġie imqabbad mall-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan sejjer tajjeb.

2. Il-Kunsillier ippreżenta korrispondenza mingħand is-Sur Paul Parker residenti minn Triq Sant' Andrija, (San Andrea Court). Minħabba l-kliem oxxen li kien fiha, din il-korrispondenza, il-Kunsill talab biex din tiġi injorata.

**Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa biex fis-seduta li jmiss jiġu ppreżentati l-ammonti tad-dawl li l-Kunsill ħallas fis-snin 2007, 2008, 2009.

2. Il-Kunsillier irrakomanda li meta jinħatar il-kumitat amministrattiv tal-Madliena, dan għandu jiltaqa' mall-Kunsill. Għandu jiġi spjegat x' ser ikun ix-xogħol tagħhom u kif dawn għandhom jiffunzjonaw. Il-Kunsill qabel.

*Il-Kunsillier Curmi talab biex jiġi skużat. Ħin 8.30 a.m.*

**Viċi Sindku Joe Bonello**

1. Il-Viċi Sindku rraporta li fil-qiegħ ta' Wied Mejxu hemm truck abbandunat. Dan ilu snin fil-qiegħ tal-Wied. Il-Viċi Sindku nforma li l-ispiża biex dan jitneħħa tkun ta' madwar €50. Il-Kunsill aċċetta l-offerta u approva li jitneħħa. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jitkellem mal-Kuntrattur.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar ilmenti minn residenti li joqgħodu fil-viċinanza tal-ħwienet fi Triq il-Qasam. Dawn qed jilmentaw dwar t-time parking quddiem il-ħwienet u quddiem ir-residenza tagħhom. F' certu ħinijiet mill-ġurnata dawn ir-residenti ma jistgħux iħallu l-vetturi tagħhom quddiem ir-residenza tagħhom. Dawn qed jitolbu li din is-sistema għandha titneħħa. Il-Kunsillier Shephard u l-Viċi Sindku ħadu l-inkarigu li imorru fuq il-post u jagħtu r-rikkomandazzjonijiet tagħhom fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **CARMEN SAID** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (jkompli...)

**2.** Is-Segretarju Eżekuttiv nforna dwar l-aċċident li ġara fil-Kunsill fit-3 ta' Frar meta kien instab li ġew nieqsa €150. Il-Pulizija ġew infurmati. Is-Sur Simon Zarb ħaddiem mill-iskema "Community Work" gie nterrogat pero' dan m'ammettiex u għaldaqstant il-Pulizija ma setgħawx ikomplu jipproċedu. Bil-kaz ġew infurmati wkoll l-Insurance.

## VI XIRI U AFFARIJIET OĦRA

1. Il-pagamenti kollha li dheru fuq l-iskeda tal-pagamenti gew approvati.

**Billi s-Sindku u l-Kunsilliera ma kellhomx aktar x' jiddiskutu is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-9.00p.m. u sar aggornament għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Marzu 2010 fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**